**31 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**

Andrew Caruana

*versus*

Middle Sea Insurance Company Limited *noe*

**Inċident Awtomobilistiku - Danni**

*Fuq evalwazzjoni tal-fatti, il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u akkollat ir-responsabbilità għall-ħabta fuq l-attur.*

Il-Qorti:-

L-attur ipproċeda kontra l-konvenut assenti minn Malta, rappreżentat mill-kuratur deputat, bis-segwenti avviż:

"Talab il-kundanna tas-soċjetà konvenuta *nomine* biex:

Tħallas lill-istanti s-somma ta' mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija u erba' u sittin ċenteżmu (Lm155.64c) (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti okkorrendo l-opra ta' periti *nominandi*) danni subiti mill-istanti in segwitu għall-inċident stradali li ġara l-Marsa fil-5 ta' Marzu, 1995 bejn il-karozza L-4934 misjuqa mill-istanti John Caruana u l-karozza numru X-4359 misjuqa minn James Neil. Prevja dikjarazzjoni li s-sewwieq tal-karozza X-4350 kien responsabbli għall-inċident minħabba imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;

Bl-ispejjeż kompriżi (Lm11.50) ħdax il-lira Maltija u ħamsin ċenteżmu ta' ittri u konsult, dawk ta' l-ittri uffiċjali lill-assikuraturi tal-konvenut, Middle Sea Insurance Company Limited, ai terminu tal-Kap. 104 u dawk konnessi mal-ħatra ta' kuratur u deputati u bl-imgħax min-notifika ta' dan l-avviż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni";

Il-konvenut kif rappreżentat mis-soċjetà kuratriċi deputat tiegħu eċċepixxa illi t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-inċident stradali ma ġarax tort tiegħu iżda li l-uniku

responsabbli għall-kolliżjoni kien John Caruana li kien qiegħed isuq il-vettura proprjetà ta' l-attur;

Illi b'sentenza ta' l-14 ta' Marzu, 1997 il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati iddeċidiet il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine*, iddikjarat lil James Neil unikament responsabbli għall-inċident u kkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' Lm155.64 bl-imgħax relattiv u bl-ispejjeż kollha kif mitlub;

Utili li tiġi riprodotta l-motivazzjoni tas-sentenza appellata fir-rigward tar-responsabbilità għax din tiffaċilità l-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti:

"Dwar l-inċident xehed John Caruana, ix-xufier tal-karozza Hyundai L-4934 u Ivan John Sciberras li kien riekeb miegħu, filwaqt li x-xufier tal-vettura l-oħra, Fiesta X-4350, ma xehedx peress li kien turist. Xehed ukoll P.S. Silvio Brincat li aċċeda fuq il-post ta' l-inċident biex jagħmel is-soliti investigazzjonijiet. Mill-okkorrenza esebita minn P.S. 768 jirriżulta li James Neil, ix-xufier tal-Fiesta, qal li "waqt li kien isuq fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, u kien qiegħed idur mar-*roundabout* tas-sulfarini Triq Diċembru Tlettax, fid-direzzjoni ta' l-ajruport, vettura L-4934 (M) Hyundai daħlet fuq il-lemin tiegħu". Skond l-istess okkorrenza, John Caruana qal li "kien qiegħed idur mar-*roundabout* tas-sulfarini Triq Diċembru Tlettax u f'ħin minnhom vettura X-4350 (M) Fiesta li kienet fuq il-linja ta' ġewwa daret f'daqqa u daħlet fix-xellug tal-vettura tiegħu";

Is-soċjetà konvenuta għamlet xi sottomissjonijiet bil-miktub dwar l-inċident. Għamlet referenza għall-fatt li mar-*roundabout* hemm *stop sign*. Dan fil-fehma tal-Qorti ma jinfluwixxi xejn fuq il-meritu ta' din il-kawża peress li ħadd

mis-sewwieqa ma kien ħiereġ minn fuq l-*istop sign*;

Dwar il-posizzjoni ta' John Caruana fil-karreġġjata ta' barra meta dan ried imur lejn il-Belt, is-soċjetà konvenuta qalet li bilfors ried jaqleb għal ġo karreġġjata oħra mentri biex James Neil idur mar-*roundabout* biex isuq għall-ajruport ma kellux għalfejn jaqleb karreġġjata; għalhekk Caruana jmissu ħaseb minn qabel biex jaqleb il-karreġġjata minn mas-*centre strip* tant li fi Triq Aldo Moro hemm sinjali biex jindikaw dan lis-sewwieqa. Dwar is-sinjali li qed issemmi s-soċjetà konvenuta, jekk qed tagħmel referenza għas-sinjali eżistenti li hemm mal-*foot bridge* li jaqsam Triq Aldo Moro, irid jingħad li dan l-inċident ġara ferm qabel ma ġie kkostruwit l-imsemmi *foot bridge* u għalhekk tali sinjali kienu ineżistenti. Ċertament kien ikun aktar għaqli li Caruana jaqleb il-karreġġjata qabel ma jiġi mar-*roundabout* iżda jiġi osservat li l-linji li hemm fit-triq huma *broken lines li allura jfisser li huwa permess li vettura taqleb* minn karreġġjata għall-oħra, ovvjament billi tieħu l-prekawzjonijiet neċessarji biex tara li ma tkunx ta' ħsara għal karozzi oħra fil-karreġġjata l-oħra. Inoltre jista' jingħad li dak li japplika għal Caruana kellu japplika ukoll għal Neil. Fil-każ in eżami, John Caruana xehed li huwa kien ġej ma' l-*outer lane* fi Triq Aldo Moro u meta qiegħed idur baqa' man-naħa tar-*roundabout* dirett lejn Triq Diċembru Tlettax. Kien hemm karozza tal-kiri li f'daqqa waħda swervjalu biex idur mar-*roundabout* dirett lejn Triq Diċembru Tlettax. Kien hemm karozza tal-kiri li f'daqqa waħda swervjalu biex idur mar-*roundabout*. Wara li niżlu mill-karozzi, is-sewwieq l-ieħor qal li kien mitluf u ma qalx fejn kien sejjer. Huwa ra l-karozza l-oħra x'ħin ġiet quddiemu. Għalkemm Ivan John Sciberras jagħti indikazzjoni differenti tal-posizzjoni tal-vetturi fit-triq, indikazzjoni ċertament erronea, jibqa' l-fatt li dwar id-dinamika ta' l-inċident jikkorrobora dak li xehed Caruana. Difatti huwa jispjega li "ġiet karozza quddiemna, ġibed għal ġo fina", u li ma kienx raha warajhom, iżda jaħseb li kienet warajhom għax ma

kinitx quddiemhom u f'daqqa waħda dil-karozza ġibdet għal ġo fihom. Qal ukoll li sieħbu, ċjoè x-xufier Caruana, xegħel l-*indicator* peress li bdiet itteptep il-bozza minn ġewwa. Qal ukoll li x-xufier l-ieħor qal, meta niżlu: "*I'm lost*";

Fil-fehma tal-Qorti l-kawża prossima ta' l-inċident ma kienx il-qlib ta' Caruana minn karreġġjata għall-oħra iżda l-manuvra inaspettata li għamel James Neil. Anke l-ħsara fil-Fiesta tindika li din daret għal quddiem il-Hyundai";

Jeħtieġ qabel xejn jiġi ppreċiżat, għall-korrettezza ta' l-atti, illi fid-*decide* tas-sentenza appellata hemm *lapsus* ta' sustanza li jeħtieġ li jiġi rrilevat u korrett. Dan għaliex hu ċar li għalkemm il-kundanna fis-sentenza appellata kienet fir-rigward "tas-soċjetà konvenuta", wara dawn il-kliem kollha tiġi inkluża l-kelma "*nomine*" għaliex kien f'din il-vesti ta' kuratur deputat tal-konvenut Neil li dik is-soċjetà assiguratriċi kienet qed tiġi ċċitata. Dan hu ovvju mill-atti, mhux ikkontestat mill-attur u kien allura hekk li għandha tiġi mifhuma s-sentenza appellata;

Fil-meritu din il-Qorti waslet għall-konvinċiment, wara li rat l-atti proċesswali u wara li informalment, kif stednuha li tagħmel l-avukati fit-trattazzjoni, aċċediet fuq il-post ta' l-inċident, li ma tistax taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti fir-rigward tar-responsabbilità. Hi waslet għall-kuntrarju għall-konklużjoni li l-ħtija tas-sinistru kellha tiġi akkollata interament fuq l-attur jew fl-aħjar ipotesi għalih, li l-istess attur ma rnexxilux b'konvinzjoni jipprova illi l-ħtija kienet tal-konvenut u mhux tiegħu. Din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Din il-Qorti ma kinitx tant impressjonata bix-xhieda ta' l-attur u tal-persuna li kienet riekba miegħu. Dan mhux biss minħabba l-kontradizzjonijiet fix-xhieda ta' dan ta' l-aħħar li

jirrenduha mhux attendibbli imma l-aktar għaliex l-iskizz ippreparat mis-Surġent li investiga l-każ u li ma ġie bl-ebda mod ikkontestat mill-attur jiskredita l-versjoni tiegħu u jiskolpa lill-konvenut. Almenu sal-punt li l-konvenut ma għandux jiġi ritenut responsabbli sakemm ma tkunx tirriżulta prova kuntrarja konsistenti li twaqqa' dak li juri l-iskizz. Prova din li ma tirriżultax;

L-iskizz infatti jindika b'mod ċar u mmarkat illi l-impatt seħħ meta l-vettura tal-konvenut kienet għadha għal kollox f'dik il-parti tal-karreġġjata li kienet riservata għalih waqt li kienet il-vettura ta' l-attur li kienet qed toħroġ mill-karreġġjata li kien qed isuq fiha u kienet bdiet tinvadi dik irriservata għall-konvenut fuq ix-xellug tagħha;

Li l-angolazzjoni tal-vettura ta' l-attur lejn ix-xellug hi infatti ferm aktar immarkata minn dik tal-konvenut lejn il-lemin li kienet tista' tgħid għadha għal kollox parallela mal-linji bojod maqsuma li jaqsmu karreġġjata minn oħra fuq it-triq. Dan jindika illi, waqt li ma jistax ikun hemm dubbju illi l-attur kien diġà beda l-manuvra tiegħu biex jidħol fil-karreġġjata fuq ix-xellug tiegħu li tagħti għal Triq Diċembru Tlettax, mhux l-istess jista' jingħad b'ċertezza fir-rigward tal-manuvra simili li allegatament ried jagħmel il-konvenut biex jidħol fuq il-karreġġjata fuq il-lemin tiegħu li tagħti għall-ajruport ta' Ħal Luqa;

Minn dan joħroġ illi żgur li l-attur kellu l-obbligu li jaċċerta ruħu illi ma jagħmilx il-manuvra li xtaq jagħmel li jgħaddi minn fuq lane għal ieħor qabel ma jkun assolutament ċert li seta' jagħmel hekk bla ma jfixkel it-traffiku ġej minn warajh fil-*lane* l-ieħor. Ma tirriżulta l-ebda prova li l-attur ħa l-prekawzjonijiet li kellu jieħu fiċ-ċirkostanzi meta ġie biex jgħaddi minn *lane* għal ieħor billi jagħti pre-avviż tempestiv lit-

traffiku ta' warajh qabel beda l-manuvra tiegħu. Għall-kuntrarju skond l-istess attur lill-konvenut ma rahx jekk mhux fil-mument ta' l-impatt waqt li l-persuna li kienet riekba miegħu ssostni illi rat il-konvenut fil-mument li l-vettura tiegħu ġiet quddiemhom. "Ġiet karozza quddiemna u ġibdet għal ġo fina". Dan ifisser li l-attur jikkontendi illi l-konvenut kien qiegħed isuq dejjem warajhom. U jekk dan hu minnu l-istess attur kien messu rah u ta avviż tempestiv tal-ħsieb tiegħu, li jiġbed u jaqleb minn *lane* għall-ieħor;

Ma hemm xejn x'jikkonforta l-allegazzjoni ta' l-attur li "f'daqqa waħda (karozza tal-kiri) swervjatlu biex iddur mar-*roundabout*". Skond l-iskizz jekk xi ħadd swervja dan kien proprju l-attur. U lanqas ma hemm korroborazzjoni għall-fini tal-prekawzjonijiet li suppost ħa l-attur qabel ma beda jagħmel il-manuvra li ried jagħmel. Il-prova vaga tal-passiġġier riekeb miegħu illi "ix-xufier Caruana xegħel l-*indicator* u peress li bdiet itteptep il-bozza minn ġewwa" mhux xejn adegwata. Mhux biżżejjed, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u l-provi kif jirriżultaw, biex jikkonvinċi lill-Qorti illi l-attur kien qed iżomm *a proper look out* għat-traffiku li kien ġej minn warajh qabel ma ażżarda jagħmel il-manuvra li ried jagħmel;

Issa hu veru li l-iskizz juri l-vetturi kif spiċċaw wara l-impatt. Imma jekk wieħed jieħu l-versjoni ta' l-attur bħala korretta li hu qala' daqqa mill-vettura tal-konvenut, il-posizzjoni tiegħu fir-rigward ta' responasbbilità taggrava. Dan għaliex ikun ifisser li ma' l-impatt il-karozza ta' l-attur presumibbilment tkun ġiet spostata lejn il-lemin. Dan ikun ifisser li fil-mument ta' l-impatt hu kien qed jinvadi l-karreġġjata li minnha kien għaddej il-konvenut b'aktar milli jidher fl-iskizz;

Lanqas mhu validu l-argument fis-sentenza appellata illi

"dak li kien japplika għal Caruana (fir-rigward tal-prekawzjonijiet *li kien obbligat jieħu) kien japplika ukoll għall-konvenut*". Dan għaliex kif ingħad kien l-attur li ried jipprova l-ħtija tal-konvenut u mhux *vice versa*. Waqt li kien hemm il-provi ċari li l-attur ried jagħmel il-manuvra, li jirriżulta ovvju li kien beda jesegwixxi u dan huwa ammess mill-istess attur mhux l-istess jista' jingħad għall-konvenut. Kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti l-għaqal u l-prudenza fis-sewqan kien jimponi fuq l-attur l-obbligu li jipprova jagħmel il-manuvra li xtaq jagħmel u jibda jesegwiha ferm qabel ma ġie biex iħalli r-*roundabout*. L-appell jistħoqqlu li jiġi għalhekk milqugħ;

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.